MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 321/2008

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-20 ta’ Mejju, 1995.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda hekk:

1. Illi huwa ma jopponix ruhu ghall-annullament taz-zwieg bejn il-kontendenti pero' n-nullita ta' l-istess zwieg hija unikament responsabbilta' ta' l-attrici u konsegwentement m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

2. Illi kif stqarret l-attrici stess hija ma kienetx thobb lill-konvenut u ghalhekk il-kunsens tieghu ittiehed b' qerq.

3. Illi l-attrici eskludiet it-tfal miz-zwieg, haga li l-konvenut qatt ma ried u ghalhekk minhabba dawn ir-ragunijiet il-kunsens taz-zwieg fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll ghaliex il-kunsens kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha, kuntrattat mal-konvenut fl-20 Mejju 1995, huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg taghhom huwa null, izda jattribwixxi n-nullita' lill-attrici.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet, li huma zewg tobba prattikanti, izzewwgu fl-20 Mejju 1995 wara li kienu ilhom jffrekwentaw lil xulxin circa tlett snin. Jirrizulta li l-hajja matrimonjali taghhom kienet dominata mix-xoghol u l-istudju da parti ta' l-attrici li kienet tahdem l-isptar, u mis-sieghat twal ta' xoghol da parti tal-konvenut li jahdem ta' general practitioner. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa 10 snin, il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Il-Qorti, wara li rat il-provi migjuba, tosserva li jezistu zewg fatturi li ostakolaw l-izvilupp ta’ hajja konjugali sana bejn il-partijiet. Dawn huma: [1] il-fatt, ammess mill-istess attrici, li hi ma kienitx thobb lill-konvenut u l-konsegwenzjali riluttanza da parti taghha li taccetta li tizzewwgu, u [2] l-impenn qawwi, kwazi esagerat, da parti taz-zewg partijiet ghax-xoghol taghhom.

Rigward l-ewwel punt, l-attrici tghid li meta hi bdiet tohrog mal-konvenut, “at first I did not want to commit myself because I felt that he was not the right man for me. However, he was very persistent, and despite having told him off once, I gave in because I felt I had no other choice” Ukoll tghid: “I stayed in the relationship with [defendant], even though I did not feel passionate about him. I did care for him but could not love him, as I should have done to a husband. I had already told him to break on our relationship once, but he persisted.”[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, tenut kont tal-premess, din il-qorti tifhem ghaliex iz-zewg partijiet isostnu li fiz-zwieg taghhom kien hemm nuqqas ta’ rabta emozzjonali u anke nuqqas ta’ hegga sabiex isir l-att taz-zwieg. L-attrici tghid li bejniethom qatt ma kien hemm passjoni, la qabel u lanqas wara z-zwieg.

Dan kien dovut <u>in parti</u> ghall-fatt li l-attrici ma kienitx thoss gibda jew imhabba ghall-konvenut, u in parti ghall-fatt li l-konvenut kien workaholic u kien jahdem sieghat twal. Il-partijiet jaqblu li dan inizzjalment kien jidhol id-dar ghajjien fil-11.00 pm, u eventwalment anke fis-sieghat bikrin ta’ filghodu, bir-rizultat li l-partijiet ma kellhomx l-opportunita’ ta’ hin biex jisolvu l-problemi ta’ bejniethom u jizviluppaw ir-relazzjoni matrimonjali taghhom. Dan il-fatt jinsab aggravat ukoll bil-fatt provat li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici, minbarra li kienet tahdem bis-shift fl-isptar, kienet ukoll kompliet tistudja.

Jidher car ghal din il-qorti, fuq dak li qalu l-partijiet, li z-zwieg taghhom kien non starter, ghax it-tnejn li huma ma

[1] Aff. Fols.10 - 12

gharrfux bizzejjed l-import tal-konvivenza matrimonjali, u bil-komportament rispettiv taghhom, huma eskludew li tigi zviluppata bejniethom “a community of life and love”

L-attrici naqset meta zzewwget ragel lil ma kienitx thobb, filwaqt li l-konvenut naqas, meta ppersista li jkompli f’ relazzjoni ma’ mara li kienet urietu li ma rieditux. Dawn in-nuqqasijiet intefghu that it-tapit ghal certu zmien matul il-konvivenza matrimonjali, u l-partijiet ikkoncentraw fuq ix-xoghol taghhom minflok fuq iz-zwieg taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li f’ dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Mejju 1995 huwa null fil-ligi.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------